# SIGGIEWI ALBUM Nru. 3

## *L-Istatwa Processjonali l-qadima ta' San Nikola fis-Siggiewi*

Mons. Prof. Kan. Vinċenz Borg
D.D., H.E.D., Arch. Ch. L.
Professur tal-Istorja
Ekkleżjastika
fl-Università ta' Malta



Fil-kelmtejn li kont għamilt is-sena l-oħra fl-okkażjoni ta' għeluq it-tlett mitt sena mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali l-ġdida tas-Siġġiewi, għedt li "s-Siġġiewi kienet l-ewwel knisja parrokkjali, lil hinn mill-ibliet tagħna, li kienet mogħnija bi statwa" proċessjonali u li kont iltqajt magħha għall-ewwel darba fis-sena 1667.

Illum ser nagħtikom xi tagħrif ieħor qasir dwar dan. Dan il-ħjiel li semmejt hawn fuq irriżultati mir-rapport tal-Vista Pastorali li saret fis-Siġġiewi mill-Isqof Luqa Buenos nhar il-11 ta' Diċembru 1667. Ma' l-atti ta' din il-Vista ngħata wkoll inventarju dettaljat ta' kull ma kellha l-knisja. F'dan l-inventarju ltqajt ma' dan it-tagħrif dwar din l-istatwa qadima ta' San Nikola: "(hemm) ukoll vara bix-xbieha ta' San Nikola bis-suttana tiegħu 'pavanozza', stola, amittu u ċinglu u bil-mitra tal-lama bajda mdawra b'gallun tad-deheb b'bizzilla tad-deheb fil-pendenti tagħha u b'ċurkett" (1).

Jidher ċar li din il-vara kienet imlibbsa bi ħwejjeġ tad-drapp kif ukoll li ġa kienet tinsab fil-knisja parrokkjali l-qadima. Aktar tard, ġiet meħuda fil-knisja l-ġdida, fejn nafu li kienet toħroġ proċessjonalment nhar il-festa ta' San Nikola — festa li kienet issir b'ċerta solennità, bl-ewwel u t-tieni għosrien u quddiesa solenni bil-mużika u bil-purċissjoni li semmejt (2).

Minn tiftix li għamilt fl-atti tal-Vista Pastorali tas-snin 1667-68, irriżulta illi, tneħħi l-knejjes parrokkjali tal-Birgu, l-Isla u Bormla, fl-ebda parroċċa ta' Malta, ħlief fil-knisja parrokkjali tas-Siġġiewi, ma kien għad hemm statwa proċessjonali, jiġifieri, statwa li kienet toħroġ fil-purċissjonijiet. Ftit snin wara, bejn wieħed u ieħor, xi għoxrin sena wara, diversi parroċċi bdew idaħħlu l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju.

Meta wieħed iqabbel din l-istatwa ta' San Nikola tas-Siġġiewi u dawk li ltqajt magħhom fit-tliet parroċċi li semmejt, tinnota li kien hemm ċertu tixbih bejniethom. Fil-Birgu kien hemm żewġ statwi, waħda tal-Kunċizzjoni u oħra ta' San Rokku (3). Fl-Isla u f'Bormla kien hemm statwa proċessjonali tal-Kunċizzjoni (4). It-tliet statwi tal-Kunċizzjoni f'dawn il-parroċċi kienu jiġu mlibbsa lbiesi tad-drapp bħal ma kienet imlibbsa l-istatwa ta' San Nikola fis-Siġġiewi. Dan kien isir ukoll jekk l-istatwa kienet tkun kollha kemm hi tal-injam anke jekk indurata (5). L-inventarji li semmejt jagħtuna tagħrif dwar dawn l-ilbiesi (6). Wieħed għandu għax jifhem illi kienu, x'aktarx, ilibbsuhom għall-okkażjoni tal-festa. Meta l-istatwa ma kienetx tkun tal-injam, bħal ma kien il-każ tal-istatwa ta' San Nikola, din kienet tinżamm imlibbsa s-sena kollha, jew inkella tinżamm magħluqa x'imkien u tintrama għall-festa.

Jekk l-istatwi tat-tliet parroċċi ta 'madwar il-port tagħna m'għadhomx jeżistu, wieħed jista' jgħid li l-vara qadima ta' San Nikola hija l-aktar statwa proċessjonali bikrija li għadha teżisti fil-knejjes parrokkjali tagħna. Tgħodd aktar minn tliet mija u għaxar snin! Minħabba f'dan wieħed jara kemm hu ħsieb għaqli u f'waqtu li din l-istatwa tiġi preservata tajjeb u b'mod li tista' titgawda issa u għall-ġejjieni.

**Mons. Prof. Kan. Vincenzo Borg**

---

(1) "Item una vara con la figura di S.to Nicola con la sua sottana pavanozza stola amitto et cingolo et con la mitra di lama bianca guarnita con gallone d'oro et singolo con la pizzilla d'oro nelli soi pendenti et un'anello" (*Arkivju Arċiveskovil Malta, Viżta Pastorali Buenos 1667-68,* 442 v).

(2) *AAM, Viżta Pastorali Cocco Palmieri 1685-87B,* 281v.

(3) *AAM, Viżta Pastorali Buenos 1667-68,* 168r u 175v. Dwar l-istatwa ta' San Rokku fil-Birgu, ta' min iżid igħid illi din ġa kienet teżisti fis-sena 1602, għaxar snin wara l-pesta l-kbira tas-sena 1592. Kienet statwa tal-injam u kienu joħorġuha f'purċissjoni nhar il-festa. Hi l-ewwel statwa proċessjonali li ltqajt magħha fl-Atti tal-Viżti Pastorali tal-gżejjer tagħha (*AAM, Viżta Pastorali Gargallo 1598-1602,* 233r).

(4) *AAM, Viżta Pastorali Buenos 1667-68,* 224r u 255v.

(5) L-istatwi tal-Kunċizzjoni kemm dik tal-Birgu u kemm dik tal-Isla kienu tal-injam u ndurati. B'dan kollu kellhom ukoll l-ilbiesi tad-drapp tagħhom ukoll. (*Ibid.* 168r u 224r).

(6) L-ilbies ta' dawn il-vari jirriżulta mill-istess inventarji li semmejt. Hekk dwar dik tal-Birgu: "piu' la veste della Madonna di mezzo terzanello" (*Ibid.* 168r); dwar dik tal-Isla: "Una veste di lama bianca per la Madonna della vara" (*Ibid.* 224r); u dwar l-istatwa tal-Kunċizzjoni ta' Bormla: "piu' una statua della Madonna con il suo vestito di terzanello bianco (*Ibid.*, 255v).